MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2012

Numru. 581/2008

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**CAROL PERALTA LL.D.**

Illum 6 ta' Lulju, 2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR THERESA SCIBERRAS**

**VS**

**GEORGE FALZON**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi George Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 113451M.

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-gzejjer, nhar il-25 ta` Gunju 2008 fil-Qawra, San Pawl il-Bahar, bejn l-ghaxra ta` filghodu u s-saghtejn ta` wara nofs in-nhar volontarjament ghamel hsara li jammontaw ghal madwar tlett mija u wiehed u tletin Ewro (€ 331) ekwivalenti ghal mija u tnejn u erbghin Lira Maltija (LM 142) fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjni BAU 908 ghad-dannu ta` Antonio Borg.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 95 tal-Kapitolu 9.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza, il-Qorti semghet is-sussegwenti xhieda:

1. Spettur Therese Sciberras;

2. Brian Farrugia;

3. PS 516 Alfio Borg;

4. Anthony Borg;

5. PC 498 Chris Farrugia;

6. Brian Muscat;

7. Jonathan Vassallo;

8. George Fenech.

Illi f'din il-kawza kollox jorbot fuq CCTV camera li gibdet l-incident. Din m'hiex cara bizzejjed sabiex tiddentifika lill-imputat bhala l-persuna li kkagunat il-hsara 'de quo' lill-vettura BAU 908, prorjeta` ta` Antonio Borg. Veru huma s-sussegwenti fatturi:

1. Illi l-imputat kellu 'grudge' lejn is-Sur Borg ghax kien jemmen li dan kien parti mill-kagun tat-tkeccija tieghu mill-Hotel Hilton hames snin qabel ma gara dan l-incident;

2. Illi veru kien hemm l-imputat fid-Dolmen Hotel dak in-nhar tal-incident ghaliex kien mar hemm biex jaghmel delivery ta` gas fuq xoghol;

3. Veru li dak li kkaguna din il-hsara kien liebes ilbies simili ghall-uniformi tal-Liquigas li dak in-nhar kien liebes l-imputat u;

4. Jonathan Vassallo, l-uniku xhud tad-difiza ma kienx konstantament fil-kumpanija tal-imputat u, ghalhekk, ma jistax jghid x'kien qed jaghmel l-imputat il-hin kollu.

Izda min-naha l-ohra jirrizulta illi:

1. Dok T6 li l-Prosekuzzjoni qed tallega li huwa ritratt still mehud mis-CCTV tal-imputat ma huwa car xejn;

2. Illi n-natura tal-hsara kkagunata lill-vettura u cioe` girfa min-naha ta` wara tal-vettura sejra fid-direzzjoni ta` quddiem waqt il-persuna li giet individwata bhala George

Falzon mill-Prosekuzzjoni qedgha tigi murija li qedgha timxi min-naha ta` quddiem fid-direzzjoni ta` wara tal-karozza;

3. Illi s-CCTV juri persuna liebsa qalziet skur u T-shirt cara. Din mhux necessarjament hija uniformi u nonostanti l-persuna miexja hija wahda twila, l-imputat m’hux l-uniku bniedem twil fid-dinja.

Hawn qedghin fil-kamp kriminali u c-certezza hija r-regina. Jezisti dubbju ragonevoli u ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

DR. CAROL PERALTA, MA (Human Rights and Democ.), LL.D.
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------